MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2300/2004

**First Finance Group u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2004, il-kliem 'First Finance Group' gew jinqraw 'First Insurance Brokers Ltd'**

**vs**

**Ian Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta Dicembru 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u sittin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm163.89) rapprezentanti l-premium ta' assikurazzjoni mahruga fuq il-vettura tal-konvenut tal-ghamla Alfa Romeo numru ta' registrazzjoni IMG 555 liema polza ggib in-numru 49040502002 u ta' Ferrari 308 GTS numru ta registrazzjoni IAN 308 referibbli ghal polza numru 49040503012 f'liema somma mitluba

hemm inkluzi spejjes legali fl-ammont ta' sitta u erbghin lira Maltija (Lm46);

Din it-talba qed tigi ntavolata stante li l-konvenut baqa' ma hallasx nonostante li sarulu diversi nterpellanzi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Ottubru 2004 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-22 ta Lulju 2002 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-4 ta Marzu 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u sittin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm163.89) bl-imghaxijiet legali dekorribbli kif rikjesti u bl-ispejjes ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------